C/2024/6464

25.10.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11485 – BRASSERIE NATIONALE / BOISSONS HEINTZ)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6464)

1. Fit-18 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Brasserie Nationale S.A. ("Brasserie Nationale") (il-Lussemburgu),

— Boissons Heintz S.à r.l. ("Boissons Heintz") (il-Lussemburgu)

Brasserie Nationale akkwistat, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Boissons Heintz.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-Konċentrazzjoni kienet referuta lill-Kummissjoni mil-Luxembourg National Competition Authority skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Brasserie Nationale hija attiva fil-produzzjoni tal-birra u tal-ilma minerali. Permezz tas-sussidjarja tagħha Munhowen, Brasserie Nationale hija attiva wkoll fid-distribuzzjoni bl-ingrossa tax-xorb fil-Lussemburgu u fir-reġjuni ġirien ta' Franza u tal-Belġju.

— Boissons Heintz hija bejjiegħ bl-ingrossa attiv fid-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' diversi tipi ta' xorb, fosthom il-birra u l-ilma minerali, fil-Lussemburgu.

3. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11485 – BRASSERIE NATIONALE / BOISSONS HEINTZ

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").